MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2020

Rikors Maħluf Numru 216/2017LM

**L-Inġinier Nehad Khalifa (K.I. numru 83952A) u**
**Mohamed T.A. Khalifa (K.I. numru 100488A)**

***vs*.**

**Maria Anna Scicluna (K.I. numru 711336M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fit-8 ta' Marzu, 2017 mill-atturi **L-Inġinier Nehad Khalifa** u **Mohamed T.A. Khalifa** [minn issa 'l quddiem "l-atturi"] kontra l-konvenuta **Maria Anna Scicluna** [minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"] li jgħid kif ġej:

*"1. Illi jirriżulta li r-rikorrenti, ta' ċittadinanza Libjana, kienet involuta fin-negozju li kien jiġġenera qligħ sostanzjali fis-suq Libjan liema negozju sfratta matul ir-rivoluzzjonii li kien hemm fil-Libja fl-2011 konsegwenti għall-instabilità li rriżulta sussegwentement.*

*2. Illi in segwitu missier l-esponenti u ċioé l-esponent l-ieħor Mohamed T.A..Khalifa, ukoll ta' ċittadinanza Libjana, marad serjament u kien jinħtieġ li ssirlu trapjant ta' kilwa b'dan l-esponenti kienet disposta li tiddona kilwa lill-missierha u l-intervent kien previst li jsir fil-Ġermanja.*

*3. Illi għal dan il-għan, minkejja diffikultajiet amministrattivi immensi, tenut kont il-qagħda politika instabbli eżistenti fil-Libja, l-esponenti u missierha rnexxilhom jikkwalifikaw għal sussidju mingħand il-Gvern Libjan relattivament għall-intervent kirugiku proġettat biex seta' jsir il-ħlas dovut fir-rigward ammontanti dan is-sussidju għal seba' u erbgħin elf u ħames mitt Euro (€47,500) u di fatti kien twettqu l-preparattivi kollha meħtieġa biex seta' jsir dana l-intervent kirurgiku delikat fil-Ġermanija u di fatti l-esponenti kienet ipprenotat il-biljetti tal-ajru li swew 3,400 Dinari Libjani ekwivalenti għal 2,014 Euro.*

*4. Illi però ġara li ftit jiem biss qabel it-tluq tal-atturi minn Malta l-intimata kienet serqet il-basket tal-esponenti li kien fih assi varji fosthom il-passaport tal-esponenti, diversi* credit cards*, mobile, ċurkett tad-deheb, flus kontanti u wallet apparti l-baskett stess oltre xi riċevuti li mingħajrhom ma setgħetx tintalab rifużjoni ta' taxxi li kienu tħallsu mill-esponenti.*

*5. Illi l-proċess biex isir passaport Libjan ġdid jiswa ħmistax-il elf, 15,000 Dinari Libjani ekwivalenti għal ċirka 2,000 Euro u dan in vista tad-diffikultajiet amministrattivi kbar li jridu jiġu rinfaċċjati fil-Libja minn min jitlef il-passaport tiegħu, inkluż f'każ li jinsteraq u dan apparti l-fatt li il-persuna konċernata tkun tenut li tistenna sena biex tkun intitolata li tapplika għal passaport ġdid.*

*6. Illi s-serq tal-passaport tal-esponenti mill-intimata kellu effetti verament devastanti fuq l-esponenti u fuq il-familja tagħha li tiddependi finanzjarjament fuq l-esponenti.*

*7. Illi però l-aktar konsegwenza gravi li ssussistiet mis-serqa kommessa mill-intimata kienet li fin-nuqqas tal-passaport l-esponenti ma setgħetx issiefer fil-Ġermanja ma' missierha biex setgħet issir l-operazzjoni surriferita għalkemm l-esponenti ġarrbet danni oħra sinifikanti li huma ançillari għall-akkadut kif jiġi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*8. Illi wara s-serqa l-intimata ġiet rintraċċjata malajr mill-Pulizija billi s-serqa kienet ġiet reġistrata fis-CCTV li kien hemm stallat fl-istabbli fejn seħħet is-sreqa li permezz tiegħu l-intimata setgħet tiġi identifikata faċilment filwaqt li*

*s-*security guard *impiegat f'dana l-istabbli wara li ġie mitlub mill-attriċi biex jgħinha, kien eżamina l-*footage *tas-CCTV u di fatti kien ra lill-intimata dieħla fil-*public convenience *li hemm f'dan il-post b'basket wieħed u wara li l-esponenti kienet ħarġet minn dan il-*public convenience *fejn kienet nesgħet il-basket tagħha, l-istess* security guard *osserva lill-intimata ħierġa mill-*public convenience *b'żewġ bastktijiet.*

9. *Illi wara li l-intimata ġiet rintraċċjata mill-Pulizija kienet saret laqgħa fl-Għassa ta' Sliema fil-presenza tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca, li kien mexxa l-investigazzjoni, tal-esponenti u ħutha u l-konsulent legali tal-familja tal-esponenti oltre xi qraba tal-intimata u dan in vista tal-urġenza kbira li ssussistiet in konnessjoni mas-safra tal-esponenti u missierha fil-Ġermanja fejn l-intimata ġiet mitluba bil-ħrara minn kull min kienet presenti biex tirritorna l-passaport tal-esponenti wara li ġie spiegat lill-intimata li fuqha kien jiddependi jekk issirx is-safra proġettata mill-atturi u ġiet anke murija t-tape tas-CCTV li kien jixhed mingħajr ombra ta' dubbju li l-intimata kienet serqet il-basket tal-esponenti.*

10. *Illi però l-intimata ostinatament irrifjutat li tammetti li kienet serqet il-basket tal-esponenti u wisq inqas il-passaport tal-esponenti.*

11. *Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi verament gravi u tabilħaqq kiefra l-atturi ma kiellhom ebda alternattiva ħlief li jħassru s-safra lejn il-Ġermanja biex isir l-intervent kirurgiku tant vitali stante li l-esponenti evidentement ma setgħetx issiefer ma' missierha fil-Ġermanja mingħajr il-passaport tagħha b'dannu gravi għal saħħet l-attur b'mod li l-qagħda ta' saħtu kompliet tiggrava u naturalment hija destinata li tiddeterjora ulterjorment mat-trapass taż-żmien.*

12. *Illi eventwalment il-Pulizija istitwiet azzjoni kriminali fil-konfront tal-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati in konnessjoni mas-serqa minnha mwettqa fejn hija ammettiet l-akkużi dedotti kontra tagħha.*

13. *Illi qabel il-kawża penali ġiet deċisa l-intimata baqgħet ssostni krudelment li ma kinitx taf fejn kien il-passaport tal-esponenti minkejja saħansitra l-intervent tal-Maġistrat sedenti f'attentat aħħari biex jikkonvinċi lill-intimata biex tgħid fejn kien jinsab il-passaport tal-esponenti u dan minkejja li l-intimata kienet taf ben tajjeb bil-ħsara kbira li kienet sejra tipprovoka f'saħħet l-attur b'konsegwenzi anke fatali.*

14. *Illi fid-dawl tal-akkadut, kif jiġi provat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti u missierha ġarrbu danni kbar, inter alia iżda mhux esklussivament, in vista tal-fatt li intilef is-sussidju li kien ser jingħata mill-awtoritajiet Libjani relattivament għall-operazzjoni ta' trapjant proġettat liema sussidju kien ingħata f'ċirkostanzi amministrattivi li kienu jesistu fil-Libja meta saret it-talba*

*għall-għoti tas-sussidju u liema ċirkostanzi m'għadhomx jesistu, tenut kont l-evoluzzjoni tal-qagħda politika fil-Libja fl-isfond tal-instabbilità li għadha teżisti anke preżentement. Mill-banda l-oħra l-esponenti ma fadalhiex mezzi disponibbli biex tissussidja l-operazzjoni mill-assi personali tagħha wkoll konsegwenti għall-akkadut."*

Għalhekk l-atturi ħarrku lill-konvenuta sabiex il-Qorti għar-raġunijiet hawn fuq imfissra:

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti minnhom fl-isfond tal-akkadut u li konsegwentement hija tenuta li taddivieni għar-risarċiment tad-danni kollha sofferti minnhom fl-isfond tal-akkadut u li konsegwentement hija tenuta li taddivieni għar-risarċiment tad-danni sofferti mill-istess atturi;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konsegwenti għall-aġir tal-intimata kif aktar 'il fuq riferit;*

*3. Tikkundanna lill-istess intimata biex tħallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru li jġibu in-numri progressivi ta' 303/2017 u 334/2017 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-preżenti sad-data tal-effettiv pagament tad-danni likwidati u bl-inġunzjoni tal-intimata biex tidher personalment għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta **Maria Anna Scicluna (K.I. numru 711336M)** ppreżentata fil-15 ta' Marzu, 2017, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, jispetta lill-atturi illi jġibu prova tal-allegati danni allegatament sofferti minnhom, tal-kwantum tal-istess allegati danni u tan-ness kawżali bejn l-eċċipjenti u l-allegati danni;*

*2. Illi l-atturi qiegħdin jallegaw diversi fatturi li* a prima facie *ma jidhrux li huma konnessi mal-allegata serqa;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, l-atturi jridu jippruvaw illi huma ħadu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex jimminimizzaw id-danni allegatament sofferti minnhom u illi n-nuqqas*

*t'azzjoni tagħhom fi żmien propizju m'aggravax id-danni hekk kif qiegħdin jiġu indikati;*

4. *Illi l-eċċipjenti m'għandhiex tinsab responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati minħabba nuqqasijiet amministrattivi ta' terzi;*
5. *Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-liġi."*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2017, fejn ċaħdet it-talba magħmula permezz tar-rikors tal-atturi sabiex il-proċeduri odjerni jinstemgħu b'urġenza u bl-abbrevvjazzjoni tat-termini legali, u anki d-digriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2017, fejn ċaħdet it-talba tal-atturi għar-revoka *contrario imperio* tal-ewwel digriet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fir-rikors maħluf tagħhom l-atturi jibdew billi jgħidu li huma ta' ċittadinanza Libjana. Ġara li l-attur marad serjament u kellu bżonn trapjant ta' kilwa li

offrietha bintu stess, l-attriċi. L-intervent neċessarju kien previst li ser isir fil-Ġermanja u minkejja d-diffikultajiet amministrattivi riżultat tal-instabbilità fil-Libja, huma kisbu sussidju mingħand il-Gvern Libjan fis-somma ta' €47,500.00 u saħansitra l-attriċi kienet ukoll ipprenotat u ħallset għall-biljetti tal-ajru. Iżda filwaqt li huma kienu qegħdin hawn Malta u l-attriċi marret il-*Plaza Shopping Centre* [minn issa 'l quddiem "il-Plaza"], insterqilha l-baskett tagħha wara li kienet ħallietu fil-*public toilets* u f'liema baskett hija kellha fost affarijiet oħra l-passaport tagħha. Wara rapport li għamlet mal-Pulizija, instabet il-konvenuta li kienet ħarġet mill-*public toilets* b'żewġ basktijiet, u dan bl-għajnuna tal-CCTV *footage* miżmum min-naħa tal-uffiċjali tas-sigurtà tal-Plaza. Kienet saret laqgħa l-Għassa tal-Pulizija mal-konvenuta, u dan fil-preżenza tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca li kien qed imexxi l-investigazzjoni, fejn huma talbu lill-konvenuta bil-ħrara sabiex tirritorna l-passaport, iżda l-konvenuta baqgħet tinnega li kienet hi li serqet il-baskett. Sussegwentement il-konvenuta kienet tressqet mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal [minn issa 'l quddiem "il-Qorti tal-Maġistrati] mixlija fost affarijiet oħra bir-reat tas-serq tal-baskett, fejn l-imsemmija konvenuta ammettiet l-akkuża, iżda baqgħet issostni li ma kinitx taf fejn kien il-passaport. L-atturi jgħidu li t-telf ta' dan il-passaport wassal għal effetti tassew devastanti fuq l-attriċi stess u anki fuq il-familja tagħha peress li din kienet tiddependi fuqha kemm fiżikament, minħabba l-għajnuna li kienet tagħtihom, u anki finanzjarjament. L-atturi jirrilevaw li l-aktar konsegwenza serja kienet li l-attriċi ma setgħetx issiefer lejn il-Ġermanja ma' missierha sabiex isir l-intervent neċessarju għat-trapjant tal-kilwa u b'hekk imbagħad intilef is-sussidju li huma kien irnexxielhom jiksbu mingħand il-Gvern Libjan. Għalhekk l-atturi jsostnu li

l-konvenuta hija unikament responsabbi għad-danni riżultanti u b'hekk jitolbu lil din il-Qorti sabiex tillikwida dawk id-danni u tikkundanna lill-konvenuta tħallashom is-somma hekk likwidata.

Il-konvenuta tilqa' billi teċċepixxi fost affarijiet oħra li l-pretensjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jiġi muri waqt il-proċeduri odjerni.

**Provi u riżultanzi**

L-attriċi ppreżentat affidavit[1] fejn qalet li hija kellha ċittadinanza Libjana. Irrilevat li hija kienet involuta f'negozju fil-Libja li kien jiġġenera qligħ sostanzjali, iżda l-imsemmi negozju sfratta wara l-instabbilità li nħolqot fil-pajjiż bħala riżultat tar-rivoluzzjoni li seħħet fis-sena 2011. Sadanittant missierha kien marad serjament u hija kienet lesta li tagħtih kilwa u b'hekk huma kienu ser imorru l-Ġermanja sabiex issir l-intervent ta' trapjant permezz ta' sussidju mogħti mill-Gvern Libjan fis-somma ta' €47,500.00. Iżda ftit jiem qabel it-tluq, insterqilha l-baskett fejn fost l-oġġetti li kien hemm fih hija kellha l-passaport tagħha, diversi karti tal-kreditu, mobile, ċurkett tad-deheb, flus kontanti u l-portmoni flimkien ma' xi rċevuti li mingħajrhom ma setgħetx tintalab rifużjoni tat-taxxa li hija kienet ħallset. Spjegat li l-proċess għal passaport ġdid kien jiswa €15,000.00 u dan ma setax jinħareġ qabel sena minħabba l-instabbilità li kienet ħolqot is-sitwazzjoni politika fil-Libja. Konsegwenza tat-trauma li ħoloq dan l-inċident, l-attriċi ddikjarat li hija

[1] *A fol.* 15.

ġarrbet problemi serji ta' saħħa, tant hu hekk li llum ma kinitx toħroġ waħedha. Tgħid li ġarrbet ukoll problemi kbar finanzjarji. L-attriċi tispjega li l-persuna li serqet il-baskett tagħha kienet ġiet identifikata mill-Pulizija minn fuq is-*CCTV footage* tal-istabbiliment fejn saret is-serqa. Sussegwentement kienet saret laqgħa l-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema fil-preżenza tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca li kien mexxa l-investigazzjoni, kif ukoll fil-preżenza tagħha stess, ta' ħutha u l-konsulent legali tagħhom, oltre familjari tal-konvenuta. Iżda din tal-aħħar baqgħet tinsisti li hija ma kinitx serqet il-baskett tagħha u l-passaport. B'hekk huma kellhom iħassru s-safra tagħhom lejn il-Ġermanja fejn kien ser isir l-intervent, b'dannu serju riżultanti għal saħħet missierha. Is-sussidju intilef ukoll għaliex dan kien ingħata f'ċirkostanzi amministrattivi li ma kienux għadhom jeżistu. Min-naħa tagħha l-attriċi tgħid li ma kienx fadlilha mezzi disponibbli sabiex tissussidja l-intervent mill-assi personali tagħha. Tgħid ukoll li f'proċeduri kriminali li intavolaw il-Pulizija fil-konfront tal-konvenuta, din kienet ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha. L-attriċi xehdet ulterjorment permezz ta' affidavit ieħor[2] fejn ikkonfermat li dakinhar li nsteraq il-baskett tagħha fil-21 ta' Marzu, 2016, fih kien hemm dawn l-oġġetti personali: portmoni, passaport, karti ta' residenza, ħames karti ta' kreditu, ċurkett b'djamant flimkien maċ-ċertifikat tal-garanzija tiegħu, fatturi, somma flus kontanti u mobile. Hija kienet immedjatament marret tkellem lill-gwardjan tas-sigurtà fejn ftiehmu li jiltaqgħu aktar tard dakinhar. Meta ltaqgħu qalilha li huwa kien laħaq ra l-*footage* tal-*CCTV camera* fejn kien ra mara dieħla fil-*public toilet* b'basket, iżda aktar tard ħarġet mingħajru. Aktar tard daħlet mara oħra b'baskett u ħarġet bi tnejn. Fir-rigward tal-passaport, spjegat li hija kienet

---

[2] *A fol.* 256.

marret l-Ambaxxata Libjana ġewwa Ta' Xbiex bil-għan li jinħareġ dokument temporanju tas-safar biex b'hekk tmur lejn il-Libja u tikseb passaport ġdid għal raġunijiet umanitarji. Iżda hemmhekk ġiet infurmata li dan id-dokument ma setax jinħareġ. Is-sena ta' wara fl-2017, meta s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja kienet aktar stabbli, l-attriċi kienet reġgħet marret l-Ambaxxata u din id-darba kisbet dan id-dokument u b'hekk marret il-Libja, fejn fis-sena sussegwenti nħarġilha passaport ġdid. L-attriċi tgħid li fil-laqgħa li saret l-Għassa mal-konvenuta, din kienet baqgħet tinsisti li ma serqet xejn, bil-konsegwenza li hi u l-familja tagħha sofrew danni kbar. Spjegat li fil-Libja hija kellha negozju li wara r-rivoluzzjoni tas-sena 2011 ma setgħetx tiġġestih b'mod normali. Iżda hija ma setgħetx tmur lura l-Libja u tkompli taħdem b'xi mod jew ieħor sabiex b'hekk tkun tista' tgħin lill-familja tagħha li kienu jistrieħu fuqha finanzjarjament. Hawn Malta bdew ikollhom id-dejn u kieku ma għenuhomx Venera Magro u Charles Grech, huma kienu ser jispiċċaw maqbudin hawn Malta mingħajr flus. Missierha eventwalment applika sabiex jiġi kkunsidrat bħala rifuġjat u b'hekk seta' jagħmel il-ħasil tal-kliewi mingħajr ma jkun obbligat li jħallas għalih. Tgħid li l-akbar dannu li sofrew kien it-telf tas-sussidju li kien lest li jagħtihom il-Gvern Libjan sabiex isir it-trapjant tal-kilwa, u l-fatt li ma saritx l-operazzjoni neċessarja wassal sabiex missierha kellu jagħmel il-ħasil tal-kliewi b'sofferenza kbira, filwaqt li kompla jmur lura. Qabel ma ġralu dan kollu, missierha fis-sena 2016 kien mar ma' ommha l-Libja fejn għamlu tentattiv sabiex jinħareġ passaport ġdid lil binthom l-attrici, b'dana li kien kollu għalxejn għaliex il-proċedura tal-ħruġ ta' passaporti ma kinetx qiegħda taħdem b'riżultat tal-instabbilità fil-Libja. Barra minn hekk kienet għadha m'għaddietx is-sena li skont ir-regolamenti kellha tiddekorri qabel ma jinħareġ passaport ġdid wara li

l-passaport ikun intilef jew ikun insteraq. Tgħid li l-familja tagħha kienu marru diversi drabi l-Libja u l-ispejjeż inkorsi kienu mniżżla fl-elenku tad-danni anness mal-affidavit u mmarkat Dok. NK.[3] Hija min-naħa tagħha ma setgħetx tuża l-karti ta' kreditu peress li dawn kienu ġew misruqa, iżda min-naħa l-oħra hija ma setgħetx tmur il-bank personalment fil-Libja peress li kienet maqbuda hawn Malta. Anki l-membri tal-familja tagħha sofrew diversi problemi ta' saħħa minħabba s-sitwazzjoni ta' tensjoni li sabu ruħhom fiha, minbarra li diġà kienu jbatu minn problemi mediċi fejn kellhom bżonn dieta partikolari u anki kura li ma kinux f'pożizzjoni li jħallsu għaliha. Is-saħħa tagħha wkoll kienet marret għall-agħar. Għalqet l-affidavit tagħha b'dawn il-kummenti korrettorji: (1) missierha kien qed jirċievi trattament b'xejn għall-ħasil tal-kliewi bħala refuġjat; (2) ħuha ma setax jagħti kilwa lil missieru għaliex huwa kien ibati mill-marda taz-zokkor; (3) il-biljetti tal-ajru li xtraw għall-vjaġġ tat-28 ta' Marzu, 2016, kienu għall-prezz ta' 3,400 Dinar Libjan; u (4) peress li s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja kienet tjiebet, hija ħallset biss €150 f'Marzu tas-sena 2017 għal passaport ġdid.

**It-Tabiba Roberta Borg Costanzi** xehdet permezz tal-proċedura tal-affidavit[4] kif ippreżentat mill-atturi. Ikkonfermat li hija kienet it-tabiba tal-atturi għal dawn l-aħħar ħames snin. Irrilevat li l-attur kien ilu jsofri mill-marda tad-dijabete għall-aħħar seba' snin, fejn kien soġġett għall-aktar kumplikazzjonijiet severi li permezz tagħhom kien tilef id-dawl u l-funzjoni tal-kliewi, sabiex b'hekk huwa kien ukoll qed jieħu l-insulina. Spjegat li l-attur kien jiddependi fuq id-*dialysis* u trapjant tal-kliewi seta' jgħinu jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu.

[3] *A fol.* 261.
[4] Dok. H *a fol.* 60.

Fil-fatt l-attriċi kienet offriet kilwa għal dan il-għan u hija kienet infurmat lix-xhud b'dan, kif ukoll bil-fatt li huma kienu ottjenew sussidju għall-operazzjoni mill-Gvern Libjan u li saħansitra huma kienu wkoll xtraw il-biljetti tal-ajru. Iżda sussegwentement l-attriċi kienet infurmatha li fil-21 ta' Marzu, 2016, kien insteraq il-baskett tagħha filwaqt li hija kienet fil-*public toilets* tal-Plaza. Fil-baskett kellha l-passaport, il-portmoni u l-mobile u b'hekk hija ma setgħetx tmur il-Ġermanja fit-28 ta' Marzu, 2016, għall-appuntament tagħhom hemmhekk. L-attriċi sussegwentement infurmat lix-xhud li s-sussidju mill-Gvern Libjan kien intilef. Sadanittant is-saħħa tal-attur baqgħet tmur lura. Ix-xhud spjegat li ftit wara l-inċident, l-attriċi kienet żaret il-klinika tagħha u x-xhud setgħet tikkonstata li din kienet qiegħda tbati minn ansjetà kbira. Żiedet tgħid li l-attriċi kienet ukoll tieħu ħsieb lil ħutha l-bniet, li wkoll kienu jbatu minn kundizzjonijiet ta' saħħa.

Ix-xhud **Venera Magro** xehdet ukoll permezz tal-proċedura tal-affidavit.[5] Spjegat li hija kienet saret taf lill-attriċi u lill-familja tagħha fis-sena 2013 meta hi u żewġha krew appartament lilhom. Qalet li kienet taf li l-attur kien ibati minn dijabete qawwija b'mod li kien tilef ukoll id-dawl. Kienu jafu wkoll li l-attur kien ser jagħmel trapjant ta' kilwa li kienet offrietha bintu l-attriċi stess, u li l-familja kienu kisbu sussidju mingħand il-Gvern Libjan għall-operazzjoni li kienet ser issir fil-Ġermanja. Iżda fil-frattemp l-attriċi kien insterqilha l-baskett bil-passaport tagħha minn ġewwa l-Plaza u b'hekk hija ma setħgetx tmur il-Ġermanja u kienu tilfu s-sussidju. Minħabba f'hekk wkoll, il-familja Khalifa sabu ruħhom f'diversi diffikultajiet finanzjarji u hija stess kienet ilha sena sħiħa

[5] Dok. I *a fol.* 70.

ma titlobhomx għall-kera jew għall-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet. Kienet taf ukoll li l-Pulizija kienu ttraċċjaw il-persuna li kienet serqet il-baskett, iżda l-passaport qatt ma ġie ritornat.

Ix-xhud **Maria Dolores Grech** xeħdet permezz tal-affidavit.[6] Irrilevat li hi u r-raġel tagħha kienu ilhom jafu lill-attriċi u lill-familja tagħha sa mis-sena 2012 u kienu saru ħbieb sew. Stqarret li hija kienet taf bil-kundizzjoni tas-saħħa tal-attur fejn kellu bżonn ta' trapjant ta' kilwa. Peress li bintu l-attriċi kienet offriet kilwa minn tagħha, l-attur kien kiseb sussidju mingħand il-Gvern Libjan għall-intervent li kien jeħtieġ. Iżda ġara li waqt li l-attriċi kienet qiegħda fil-Plaza Complex tas-Sliema, insterqilha l-baskett fejn kien hemm ukoll il-passaport tagħha u b'hekk ma setgħetx tmur ma' missierha l-Ġermanja. Ix-xhud kienet taf ukoll li l-Pulizija kienu sabu l-persuna li kienet ħadet il-baskett, iżda din ma riditx tammetti. Iddikjarat li l-pożizzjoni finanzjarja tal-familja kienet marret ferm għall-agħar, tant hu hekk li hi u żewġha kienu selfuhom ammont sostanzjali ta' flus.

**Il-Kaptan Carmelo Grech** ukoll xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit.[7] Ikkonferma dak li qalu t-Tabiba Roberta Borg Costanzi u Venera Magro fl-affidavits rispettivi tagħhom. Ikkonferma wkoll li hu kien ilu jaf lill-atturi sa mis-sena 2012 u li l-familja tagħhom u tiegħu kienu ħbieb sew, tant hu hekk li kienu wkoll għenuhom finanzjarjament peress li kien diffiċli ħafna li f'pajjiżhom isiru trasferimenti ta' flus.

---

[6] Dok. J *a fol.* 72.
[7] Dok. K *a fol.* 73.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2017, xehed **l-Ispettur Mark Anthony Mercieca**, prodott mill-atturi.[8] Spjega li fit-23 ta' Marzu, 2013, kien daħal rapport fis-sistema tal-Pulizija mingħand ċerta Nehad Khalifa u mingħand oħtha Khaled Abushala, fejn ġie rappurtat li huma kienu ħallew baskett fil-*public toilets* tal-Plaza, u li dan ġie nieqes. Irrileva li ġie rappurtat ukoll li fl-imsemmi baskett kien hemm €870 fi flus kontanti, mobile *Samsung Galaxy* li kien jiswa €350, ġojjelli b'valur ta' €600 u portmoni b'€30, u anki xi dokumenti inkluż passaporti. Ix-xhud ippreżenta *footage* tas-*CCTV cameras* tal-kumpless, li ġie immarkat Dok. MAM1[9], fejn hu għaraf lill-konvenuta bħala l-bniedma anzjana li kienet dehret ħierġa bil-baskett li qabel kien għand xi persuni oħra. Ix-xhud esebixxa wkoll diversi ritratti li ġew immarkat minn Dok. MAM2 sa Dok. MAM13[10], u anki stqarrija tal-konvenuta mmarkata Dok. MAM14.[11] Spjega li huwa kien ħareġ l-akkużi fil-konfront tal-konvenuta[12], filwaqt li ppreżenta r-rapport imsemmi.[13] In kontroeżami x-xhud qal li meta għamlu tfittxija fid-*dustbins* fil-viċinanzi u anki fid-dar tal-konvenuta, ma kien instab xejn.

**Majdulen Khalifa**, oħt l-attriċi u bint l-attur, xehdet permezz tal-proċedura tal-affidavit.[14] Spjegat li missierha l-attur kellu d-dijabete u kien saħansitra tilef id-dawl u kellu problemi serji fil-kliewi bħala riżultat tal-kundizzjoni medika tiegħu. Oħtha l-attriċi kienet offriet lil missierha l-attur kilwa minn tagħha u b'hekk huma kienu wkoll kisbu sussidju ta' €47,500 mingħand il-Gvern Libjan,

[8] *A fol.* 81.
[9] *A fol.* 88a.
[10] *A fol.* 88b.
[11] *A fol.* 89.
[12] Kopja Dok. MAM15 *a fol.* 91.
[13] Kopja Dok. MAM16 *a fol.* 92.
[14] *A fol.* 102.

inkluż akkomodazzjoni, sabiex isir it-trapjant. Kollox kien lest sabiex fit-28 ta' Marzu, 2016, huma jmorru lejn il-Ġermanja, iżda ftit jiem qabel kien insteraq il-baskett tal-attriċi ġewwa l-Plaza Complex f'Tas-Sliema u fih kien hemm il-passaport tagħha. L-attriċi kienet għamlet tentattiv sabiex tingħata dokument temporanju għas-safar mill-Ambaxxata Libjana hawn Malta, iżda kien kollu għalxejn. Sussegwentement ftit jiem wara kienet ġiet arrestata l-persuna li kienet serqet il-baskett, iżda waqt laqgħa fejn attendiet ukoll ix-xhud u l-attriċi, din baqgħet tinsisti li hija ma kienet ikkommettiet l-ebda reat u baqgħet qatt ma ritornat il-passaport. B'hekk intilef id-dritt għas-sussudju u l-familja tagħha ma kellhomx il-flus sabiex iħallsu għall-operazzjoni u missierha kien kostrett jagħmel id-*dialysis* hawn Malta għaliex ġewwa l-Libja dan ma kienx possibbli minħabba li s-sistema tas-saħħa kienet tkissret riżultat tal-instabbilità fil-pajjiż.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2017, xehed **Abdel Fatah Shtewy** prodott mill-atturi.[15] Ikkonferma li l-attriċi kienet marret l-Ambaxxata Libjana fejn hu kien jaħdem fis-Sezzjoni tal-Konsulat, u talbet għal passaport ġdid għaliex kienet tilfet l-affarijiet tagħha u riedet tieħu lil missierha l-Ġermanja fejn kienet ser issir operazzjoni ta' trapjant. Iżda dak iż-żmien id-dokument li kien jinħareġ mill-Ambaxxata ma setax jintuża għall-Ġermanja, iżda għall-Libja biss. Spjega li skont il-liġi antika li nbidlet fis-sena 2011, l-attriċi kellha tistenna sena qabel ma jinħarġilha passaport ġdid, iżda ddikjara li llum is-sistema kienet inbiddlet, għalkemm wieħed seta' jdum sena jew aktar jistenna. Ikkonferma li l-attriċi kellha karta ta' identità maħruġa minn hawn Malta.

[15] *A fol.* 107.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2018, reġa' xehed kif riprodott mill-atturi **Abdel Fatah Shtewy**.[16] Ix-xhud ippreżenta żewġ dokumenti maħruġa mill-Konsolat tal-Libja li ġew immarkati Dok. AFS1 u Dok. AFS2.[17]

Waqt l-istess seduta xehed **Charles Grech**, prodott mill-atturi.[18] Irrileva li huwa kien jaf il-familja tal-attriċi sa mis-sena 2012. Kien jaf li missierha l-attur kien ibati minn diabete u problemi fil-kliewi u kien jaf ukoll li kienu wasslu biex isiefru lejn il-Ġermanja biex issir l-operazzjoni tat-trapjant għaliex kien wassalhom hu l-Identity Malta. Meta mbagħad lill-attriċi serqulha l-passaport u l-*handbag,* dan ma setax isir. Kien jaf li l-Gvern Libjan kien ser iħallas għall-operazzjoni. Fil-frattemp il-familja ġew f'diffikultajiet kbar għaliex kellhom bżonn il-flus biex jgħixu hawn Malta, iżda *Cashlink* jew *VISA card* ma setax ikollhom. Il-familja kienu qed jippruvaw ukoll li jġibu hawn Malta lil ħuhom Nahed sabiex isir it-trapjant hawn Malta, iżda dan ma kienx seħħ u kien hemm problemi biex tinħariġlu visa, għaliex il-proċedura biex toħroġ kienet diffiċli ħafna. Mistoqsi għaliex l-operazzjoni tal-attur u tal-attriċi ma setgħetx issir hawn Malta, ix-xhud qal li sa fejn jaf hu l-flus il-familja kienu bagħtuhom il-Ġermanja u ma setgħux minn hemm iġibuhom hawn. Sa fejn kien jaf hu, dawn il-flus kienu ser imorru lura għand il-Gvern.

Waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2018, xehed **l-Avukat Leo Bencini**, prodott mill-atturi.[19] Spjega li darba minnhom il-Konslu Ġenerali tal-Libja, Nagat Trabelsi, kienet sejħitlu u spjegatlu ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Huwa min-naħa tiegħu kien kellem lill-Ispettur Mark Mercieca li kien qed jinvestiga s-

---

[16] *A fol.* 116.
[17] A *fol.* 118 u 120 rispettivament.
[18] *A fol.* 121.
[19] *A fol.*127.

serqa tal-baskett, u dan xi ftit jiem wara ċempillu u qallu li kienu sabu l-persuna li ħadet il-baskett u li kienet il-konvenuta. Saret laqgħa fl-Għassa tal-Pulizija, fil-preżenza tal-konvenuta u anki tal-attriċi, iżda għalkemm sar minn kollox biex il-konvenuta jikkonvinċuha li tagħti lura l-passaport lill-attriċi, din baqgħet tinnega li kien fil-pussess tagħha. B'hekk is-safra lejn il-Ġermanja ma setgħetx issir. In kontroeżami x-xhud spjega li huwa kien ġie avviċinat mill-Ambaxxata Libjana rikonoxxuta mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta ġewwa Ta' Xbiex. Ix-xhud xehed ukoll ulterjorment permezz tal-proċedura tal-affidavit.[20] Spjega li huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' konsulent legali tal-Ambaxxata Libjana u tal-entitajiet relatati magħha, partikolarment il-Konsolat Libjan, għal dawn l-aħħar tletin sena. Minn ħames snin 'l hawn, il-Konsolat kien ġie trasferit għal Ta' Xbiex u ma baqax jokkupa l-istess bini f'Mdina Road, Ħal Balzan, flimkien mal-Ambaxxata Libjana. Spjega kif l-attriċi kienet ġiet infurmata mill-Konsulat li ma setax jinħarġilha dokument temporanju tal-ivvjaġġar. Huwa kien tkellem mal-*Health Attaché* li kien ikkonferma miegħu li l-attur kien ingħata sussidju ta' €47,500 mill-Gvern Libjan bil-għan li ssir l-operazzjoni ta' trapjant, iżda kien jaf li dan is-sussidju ntilef hekk kif l-atturi naqsu li jmorru l-Ġermanja. Ix-xhud spjega kif huwa kien ġie żvijat mill-okkorrenza fir-rigward ta' dak li kien ra s-*security guard,* għaliex fil-fatt irriżulta li dan ma kienx ra s-serqa ssir.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' April, 2018, xehdet **Maria Ruth Ciantar** in rappreżentanza tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, kif prodotta mill-atturi.[21] Ix-xhud ippreżentat kopja uffiċjali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-

[20] Dok. LB1 *a fol.* 451.
[21] *A fol.* 153.

Maġistrati tal-10 ta' Jannar, 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs*. Maria Anna Scicluna**, liema kopja ġiet immarkata bħala Dok. MRC1.[22]

Waqt l-istess udjenza xehdet **Doris Vella Cassia**[23], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, kif prodotta mill-atturi. Ix-xhud ippreżentat il-file mediku tal-attur, li ġie mmarkat bħala Dok. DVC1[24], kif ukoll dokument maħruġ mill-Profs. Emanuel Farrugia li ġie mmarkat bħala Dok. DVC2[25] u dokumenti oħra mill-*billing section,* li ġew immarkati bħala Dok. DVC3.[26]

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Venera Magro**, prodotta mill-atturi.[27] Irrilevat li hija sid l-appartament li kien jinkera lill-atturi u maż-żmien kienu saru qishom familja. Ġie ppreżentat dokument li ġie mmarkat Dok. VM1[28] u x-xhud ikkonfermat il-kontenut tiegħu fir-rigward tal-kera dovuta.

**Jamila Khalifa**, mart l-attur u omm l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[29] Ikkonfermat li żewġha ibati mill-marda taz-zokkor u minħabba f'hekk kien għama u kellu kundizzjonijiet oħrajn ta' saħħa fil-kliewi. Kellu bżonn kilwa oħra u bintu l-attriċi kienet offriet waħda minn tagħha u għalhekk hija kienet marret lura lejn il-Libja sabiex tagħmel xi testijiet u jikkonfermaw jekk din kienet ser taqbel miegħu. B'hekk huma kienu applikaw mal-Ministeru tas-Saħħa ġewwa l-Libja għal assistenza finanzjarja u l-applikazzjoni tagħhom kienet ġiet aċċettata. B'hekk l-attur kien intitolat għas-somma ta' €47,500 li kienet tkopri

[22] A *fol.* 155.
[23] *A fol.* 156.
[24] A *fol.* 158 *et seq.*
[25] A *fol.* 227.
[26] A *fol.* 228 *et seq.*
[27] *A fol.* 234.
[28] *A fol.* 238.
[29] A *fol.* 243 u Dok. NK(d) *a fol.* 428.

wkoll l-akkomodazzjoni u spejjeż oħra ġewwa l-Ġermanja għal perjodu ta' tliet xhur. Il-vjaġġ kien ser ikun fit-28 ta' Marzu, 2016, u nxtraw ukoll il-biljetti tal-ajru, iżda fil-21 ta' Marzu, 2016 insteraq il-baskett ta' bintha l-attrici filwaqt li din kienet daħlet il-Plaza. Fil-baskett kien hemm flus, ċurkett tad-deheb bil-fosos tad-djamanti, il-passaport, id-dokument tar-residenza, karti ta' kreditu, mobile u dokumenti mediċi tagħha. Il-persuna li serqet il-baskett kienet instabet ftit wara u sadanittant hija kienet marret mal-attriċi fil-Konsulat Libjan ġewwa Ta' Xbiex sabiex tikseb dokument temporanju għas-safar, fejn qalulhom li huma ma kinux f'pożizzjoni li jirrilaxxjaw dan id-dokument minħabba l-qagħda fil-pajjiż. Sussegwentement kienet saret laqgħa fl-Għassa tal-Pulizija fejn kien hemm preżenti l-atturi flimkien mal-assistent legali tagħhom, u anki l-konvenuta, iżda din tal-aħħar baqgħet tinnega li kienet hi li wettqet is-serqa. Għadda ż-żmien u xorta waħda l-konvenuta baqgħet ma rritornatx il-passaport. Ix-xhud spjegat li bintha l-attriċi kellha tistenna sena qabel ma jinħareġ passaport ieħor, u għalhekk hi u żewġha marru lura lejn il-Libja fejn għamlu tentattivi sabiex jinħareġ dan il-passaport, iżda kien kollu għalxejn. Sadanittant huma tilfu s-sussidju finanzjarju li kien ser jingħata mill-Gvern Libjan u anki il-biljetti tal-ajru. B'hekk huma sabu ruħhom f'sitwazzjoni fejn is-saħħa fiżika u psikoloġika tagħhom kif ukoll dik finanzjarja, kienu marru lura. Saħħet żewġha baqgħet dejjem sejra lura u spiċċa illi sabiex jagħmel it-trattament tal-ħasil tal-kliewi, kien qed ibati minn uġigħ kbir. Tispjega li żewġha kien kostrett li jibqa' hawn Malta sabiex jirċievi t-trattament għaliex fil-Libja l-faċilitajiet u s-sistema tas-saħħa kienu sfaxxaw u anki kien hemm problemi ta' nuqqas ta' sigurtà. Ix-xhud spjegat li hija wkoll kienet tbati mill-marda taz-zokkor *type one* u saħansitra affettwatilha d-dawl, u kienet qiegħda

tikkawżalha *blood clots* fil-moħħ. Bintha ż-żgħira wkoll kienet tbati mill-marda taz-zokkor tat-tip *type two* u kienet tgħix b'kilwa waħda, fejn ukoll il-livell taz-zokkor kien jinżel f'daqqa u tintilef minn sensiha. L-attriċi kienet fil-fatt tieħu ħsiebhom kollha kemm huma għaliex anki bintha l-oħra Magdoline kellha problemi fil-glandola tat-*Thyroid.* Iżda anki l-istess attriċi ma kinitx nieqsa mill-problemi tas-saħħa. Ġewwa l-Libja ma kienx possibbli li huma jiġbdu aktar minn ammonti żgħar ta' flus mill-bank. F'Diċembru, 2017, l-attriċi kienet marret il-Libja sabiex tipprova ġġib ftit flus għall-ispejjeż tal-għajxien tagħhom u sabiex jinħareġ passaport ieħor lil binthom l-attriċi. Il-kontenut ta' dan l-affidavit ġie maħluf quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja l-Avukat Daniela Bugeja Mangion fis-seduta miżmuma fid-dar tal-atturi fis-16 ta' April, 2018.

L-attur permezz tal-istess dokument ikkonferma dak li kienet qalet il-mara tiegħu[30], u kkonferma wkoll l-lista tad-danni li kienet ippreżentat bintu fis-seduta tas-6 ta' April, 2018. Din id-dikjarazzjoni wkoll ġiet maħlufa quddiem l-imsemmija Assistenta Ġudizzjarja waqt l-istess seduta.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, xehed in kontroeżami l**-Ispettur Mark Anthony Mercieca**.[31] Spjega kif huwa kien wasal sabiex jarresta lill-konvenuta wara li s-Surġent PS928 kien tkellem mas-*security guard* tal-Plaza. Meta raw is-*CCTV footage* kienu sabu li kienet il-konvenuta li ħarġet bil-baskett tal-vittma minn ġewwa t-*toilets*, iżda ma kellhom l-ebda *footage* fir-rigward tal-ħruġ tal-Plaza nnifsu u għalhekk ma kienx jaf jekk il-konvenuta kinitx ħarġet 'il barra bil-

[30] Ara wkoll Dok. NKE *a fol.* 435.
[31] *A fol.* 473.

baskett. Ma setax jgħid jekk saritx tfittxija fid-*dustbins* tal-kumpless. Huma kienu għamlu tfittxija fid-dar tagħha.

Waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru, 2018, xehed **David Soler** prodott mill-konvenuta.[32] Iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Operations* mal-*Plaza,* iżda fil-21 ta' Marzu, 2016, kien hemm ċertu Dorianne tokkupa din il-kariga minfloku.

Waqt l-istess seduta xehed **Mario Zammit** prodott mill-konvenuta.[33] Qal li huwa kien ilu jaħdem sitta u għoxrin sena l-Plaza u llum huwa *Head of Security.* Fil-21 ta' Marzu, 2016, kienet marret fuqu waħda mara ta' nazzjonalità Għarbija li rrapportat li kienet daħlet fil-*public toilets* fejn ħalliet warajha l-baskett tagħha, u meta marret lura dan ma sabitux. Huwa bagħatha l-Għassa tal-Pulizija u sussegwentement mar is-Surġent għandu fejn urih il-*footage* tas-CCTV fejn dehret l-attriċi dieħla fl-imsemmija *public toilets* u warajha l-konvenuta li daħlet b'żewġ basktijiet u ħarġet bi tlieta. Huwa kien ta *footage* ieħor lill-Pulizija fejn il-konvenuta kienet tidher ħierġa mill-*Mothercare* għal fuq il-Pjazza ta' Sant'Anna.

Xehed warajh fl-istess seduta **Gerald Frendo**[34], prodott mill-konvenuta. Iddikjara li huwa kien jaħdem bħala *supervisor* tat-tindif fil-*Plaza* u kien ilu f'dak ix-xogħol għall-aħħar tnejn u għoxrin sena. Mistoqsi jekk dakinhar tal-21 ta' Marzu, 2016, kienx sar xi tiftix fiż-żibel għal xi baskett, ix-xhud qal li ma

[32] *A fol.* 490.
[33] *A fol.* 492.
[34] *A fol.* 495.

setax jiftakar jekk dan kienx sar. Qal li min-naħa tas-*security* huwa kien ġie infurmat li kien sar xi serq, iżda ma kienu raw xejn.

L-attriċi xehdet in kontroeżami waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar, 2019[35], fejn spjegat għaliex kienet qiegħda ġġorr fil-baskett l-oġġetti msemmija fl-affidavit tagħha. Ikkonfermat li huma kellhom laqgħa mal-konvenuta fl-Għassa Tas-Sliema sabiex jaslu f'soluzzjoni, iżda din baqgħet tinnega li kienet fil-pussess ta' dawk l-oġġetti. Spjegat li missierha l-attur kien ingħata *refugee status* meta ma setgħux iħallsu aktar għall-kura tiegħu u huwa kien spiċċa tassew marid. Fis-sena 2018 hija kienet kisbet passaport u llum missierha kien qiegħed fuq *waiting list* sabiex jagħmel l-operazzjoni tat-trapjant.

Ix-xhud **Warren Abraham Scicluna** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit.[36] Spjega li fil-11 ta' April, 2016, huwa kien mar iżur lil ommu l-konvenuta u lil missieru Joseph, u sab il-Pulizija hemmhekk. Qalulu li ommu dakinhar kienet intalbet li tmur l-Għassa Tas-Sliema għaliex allegatament hija kienet serqet baskett mill-*Plaza.* Il-Pulizija dakinhar wettqu tfittxija intensiva, iżda ma sabu xejn fid-dar t'ommu u ta' missieru. Sussegwentement huma ntalbu sabiex jiltaqgħu fl-Għassa Tas-Sliema mal-Ispettur Mark Anthony Mercieca u huma marru diversi drabi fejn kien ikun hemm preżenti l-Avukat Leo Bencini u l-attrici. Darba minnhom ommu kienet ammettiet li kienet sabet il-baskett, iżda qalet ukoll li hija kienet għaddietu lil waħda mara, li kienet ammettiet magħha li kien tagħha. Imbagħad fl-10 ta' Jannar, 2017, ommu l-konvenuta tressqet quddiem il-Qorti akkużata bir-reat tas-serq tal-baskett. Dakinhar l-Avukat

[35] *A fol.* 499.
[36] *A fol.* 506.

Bencini u anki l-Ispettur Mercieca assigurawh li l-attriċi ma kinitx ser tfittex għal danni. Il-Maġistrat kien staqsa lil ommu jekk kinitx messet il-basket, u kif qaltu "iva" u kienet ser tispjega kif ġara l-inċident, huwa kien għadda sabiex iddikjara ammissjoni.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Frar, 2019, xehed **Steve Ellul**, kif prodott mill-konvenuta, in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei.[37] Ix-xhud spjega li huwa kien jaħdem fis-sezzjoni tal-*billing,* iżda ma setax jgħid jekk l-attur kienx qiegħed fuq *waiting list* għal intervent.

Waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2019, xehed in kontroeżami **l-Ispettur Mark Anthony Mercieca**.[38] Ikkonferma li kien ġie mgħoddi lilu *footage* wieħed tas-*CCTV camera* tal-*Plaza.*

Waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2019, xehed in kontroeżami l-attur bl-ilsien Għarbi kif tradott għall-Malti.[39] Ikkonferma li dak li hemm fl-affidavit tiegħu kien tniżżel filwaqt li tkellem. Spjega li huma kienu ġew hawn Malta minħabba t-trattament mediku li kellha tirċievi l-mara tiegħu. Sussegwentement huwa kien talab għal *refugee status* u ma kienx qed iħallas għat-trattament tiegħu. Qabel l-inċident inkwistjoni huwa kien diġà qed jieħu l-kura, iżda din kien iħallas għaliha u din kienet tikkonsisti fl-insulina u pilloli. Qal li wara li bdew il-problemi, ġewwa l-Libja ma kien hemm xejn u lanqas llum, iżda aktar tard qal li ma setax jgħid. Huwa nnega li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed barra l-

[37] *A fol.* 513.
[38] *A fol.* 525.
[39] *A fol.* 530.

Plaza jistenna. Spjega li huwa seta' jagħmel użu mill-għajnuna finanzjarja mogħtija lilu mill-Gvern Libjan fi żmien sitt xhur mid-data tal-ittra.

Waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru, 2019, xehdet in kontroeżami **Jamila Mohamed Khalifa**.[40] Spjegat li bintha l-attriċi kienet ittajpjat l-affidavit tagħha. Ikkonfermat li bintha kienet ħalliet il-baskett warajha. Qalet ukoll li dakinhar hi kienet ma' bintha u stennietha barra. Kienet taf bl-oġġetti fil-baskett għaliex kienet rathom u huma kienu għadhom kif marru l-ATM u ġibdu l-flus. Spjegat li żewġha kien qed jieħu t-trattament b'xejn hawn Malta peress li f'Mejju 2017 huwa kien ingħata l-istat ta' refuġjat. Insistiet li hija kienet baqgħet hawn Malta riżultat tas-serqa, għaliex wara l-operazzjoni u t-trattament huma kienu ser imorru lura l-Libja.

Waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019, xehdet minn jeddha l-attriċi.[41] Ippreżentat rapport mediku maħruġ minn Milo Medical Technology and Services GmbH, flimkien ma' stima tal-intervent kirurgiku[42] li ġie mmarkat Dok. NKK1, u anki elenku tad-danni sofferti minnha, li ġie mmarkat Dok. NKK2.[43]

Il-konvenuta xehdet minn jeddha fid-dar tagħha stess waqt seduta miżmuma mill-Assistenta Ġudizzjarja Dr Daniela Bugeja Mangion fis-7 ta' Ottubru, 2019.[44] Iddikjarat li hija għandha 83 sena u li fil-21 ta' Marzu, 2016, hija kienet marret il-Plaza fejn poġġiet bilqiegħda fuq sufan viċin il-*public toilets* tal-persuni b'diżabilità. Hija kienet marret hemm sabiex tuża l-istess *public toilets*

[40] *A fol.* 540.
[41] *A fol.* 546.
[42] *A fol.* 549.
[43] *A fol.* 551.
[44] *A fol.* 607.

u għalhekk daħlet hemmhekk fejn sabet baskett imdendel mal-bieb fuq ġewwa. Il-konvenuta qalet li dan kien aħmar jew vjola. Hekk kif ħarġet minn hemm, rat lil waħda mara u saqsietha jekk il-baskett kienx tagħha u din irrispondietha li kien tagħha. B'hekk il-konvenuta qalet li kienet tatulha u telqet 'l hemm mingħajr ma kienet taf min hi. Xi ftit jiem wara kienu waqfuha l-Pulizija u uffiċjal tas-sigurtà hekk kif waslet fi Triq Bisazza, u dawn qalulha sabiex tmur magħhom l-Għassa, u staqsewha wkoll jekk kinitx messet xi baskett. Dak il-ħin bil-biża' qaltilhom "iva". Il-Pulizija kienu talbuha sabiex jagħmlu tfittxija fid-dar tagħha u dawn ma kienu sabu xejn. Quddiem il-Maġistrat Tonio Micallef Trigona, il-konvenuta kienet stqarret li l-baskett kienet tatu lil waħda mara.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-episodju inkwistjoni, imbagħad ser tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Meta tieħu inkonsiderazzjoni l-ammissjoni reġistrata mill-konvenuta fil-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tagħha mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid fir-rigward tar-responsabbilità tal-konvenuta għall-akkadut. Dik il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar, 2017[45], sabet lill-konvenuta ħatja fuq l-ammissjoni tagħha stess tas-segwenti akkużi miġjuba kontriha:

[45] *A fol.* 45.

*"... talli*

1. *fil-21 ta' Marzu 2016, ġewwa Plaza Shopping Complex, Triq Bisazza, Sliema f'xi ħin għall-ħabta ta' nofsinhar, ikkomettiet serq li hu aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) Art 267 tal-Kap 9;*
2. *malli saret taf li xi ħaġa fil-pussess tagħha kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta saret taf hekk. Art 334A tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;"*

Fl-istess sentenza dik il-Qorti tgħid li hija saħansitra tat żmien lill-konvenuta sabiex tikkonsidra l-ammissjoni li xtaqet tagħmel, iżda l-istess konvenuta baqgħet tinsisti fuq l-ammissjoni tagħha, u b'hekk ingħatat is-sentenza. Il-konvenuta min-naħa tagħha u b'riferiment għall-affidavit tat-tifel tal-konvenuta Warren Scicluna u x-xhieda tal-Ispettur Mark Anthony Mercieca, tikkontendi li dawk il-proċeduri ma jirrispekkjawx dak li ġara fil-21 ta' Marzu, 2016, u għalhekk il-proċeduri qudiem il-Qorti tal-Maġistrati m'għandhomx jinfluwenzaw il-proċeduri odjerni.

Il-Qorti tirrileva li kif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, il-konvenuta kellha kull opportunità li tikkontesta l-akkużi ta' serq miġjuba kontriha, iżda hija naqset li tagħmel dan, u għażlet għal raġunijiet tagħha biss, li tirreġistra ammissjoni. Jekk tikkonsidra wkoll li l-konvenuta naqset għalkollox milli tressaq provi konvinċenti sabiex tikkorabora l-verżjoni tagħha, u dan jingħad għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-konvenuta ħarġet mill-*Plaza* mingħajr il-baskett tal-attriċi jew li dan ma nstabx mormi, il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qiegħda ssostni fuqu l-konvenuta. Ma jistax jonqos li din il-Qorti tosserva li fil-

ħin opportun il-konvenuta naqset milli tofri li tgħin fl-investigazzjoni u tagħti kull informazzjoni li seta' kellha sabiex b'hekk forsi tinstab il-persuna li allegatament għaddiet il-baskett lilha. Anki fil-laqgħat li saru ġewwa l-Għassa tal-Pulizija sussegwenti għall-akkadut, jirriżulta li l-konvenuta baqgħet siekta fuq din il-kwistjoni u dejjem insistiet li ma kellha xejn fil-pussess tagħha. Wara kollox hija kellha l-obbligu li dan tgħaddih lill-Pulizija minnufih, jekk ma kinitx taf min kien ħallih fir-*restroom*.

Għalhekk din il-Qorti ma ssib li hemm xejn li jista' jikkonvinċiha li l-każ kien differenti minn kif qed jallegaw l-atturi u tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għal dawk id-danni li jistgħu jirriżultaw kawża tas-serqa tal-baskett kommessa minnha.

**Danni**

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi. L-attriċi fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019 ippreżentat elenku komprensiv tad-danni li l-atturi sofrew bħala konsegwenza tas-serqa. Il-Qorti tosserva li fir-rigward tal-lista tal-oġġetti li ġew nieqsa mill-baskett tal-attriċi konsistenti f'mobile, ċurkett, portmoni jew *wallet*, flimkien mal-istess baskett, din hija pjuttost nieqsa minn informazzjoni u anki evidenza oħra li tikkonferma l-valur tagħhom kif pretiż mill-attriċi jew prova tal-ispiża necessarja għar-rimpjazzament tagħhom. Huwa minnu li l-ebda kontestazzjoni dwar il-valur dikjarat ma saret min-naħa tal-konvenuta, iżda xorta waħda din il-Qorti

tikkunsidra li ma tistax tikkonsidra dawn l-oġġetti ai fini ta' danni mingħajr prova sodisfaċjenti fir-rigward tal-valur tagħhom.
Għal dak li jirrigwarda l-passaport, din il-Qorti tosserva li fir-rikors maħluf l-atturi ddikjaraw li passaport ġdid Libjan kien jiswa madwar €2,000.00 sabiex isir mill-ġdid. Aktar tard fil-proċeduri l-attriċi ppreżentat affidavit fejn tgħid[46] li peress li s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja llum tjiebet mis-sena 2017, hija ħallset biss l-ammont ta' €150.00 għal passaport ġdid u esebiet kopja tiegħu.[47] Iżda l-attriċi naqset milli tesebixxi l-irċevuta relattiva, u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-ispiża fid-dawl tad-danni allegatament sofferti mill-atturi.

Fir-rigward tal-karti ta' kreditu, l-ebda prova ma tressqet mill-attriċi dwar l-ispiża neċessarja sabiex dawn ġew sostitwiti, jekk dan kien il-każ, u għal dak li jirrigwarda l-flus kontanti, anki hawn l-attriċi naqset milli ġġib prova mill-bank minn fejn kienet allegatament ġibdithom ftit qabel permezz tal-karta tal-kreditu. Il-Qorti tosserva li ma jirriżultax mill-provi li kien hemm xi diffikultà li żammet lill-atturi milli jagħmlu dan. Barra minn hekk m'hemm l-ebda informazzjoni fir-rigward tal-irċevuti li allegatament ġew nieqsa, għajr il-fatt allegat li kienu rċevuti li fuqhom l-attriċi setgħet tirċievi rifuzjoni tat-taxxa.

L-atturi jirrilevaw li l-attur kien jeħtieġ li issirlu trapjant ta' kilwa u l-attriċi kienet disposta li tagħtih il-kilwa neċessarja, b'dana li l-intervent kien previst li jsir fil-Ġermanja ftit jiem wara l-akkadut, permezz ta' sussidju mogħti mill-Ministeru tas-Saħħa Libjan. Iżda peress li nsteraq il-baskett tal-attriċi mill-konvenuta, fejn l-istess attriċi kellha wkoll il-passaport tagħha, huma jsostnu li

[46] *A fol.* 259.
[47] Dok. NKB *a fol.* 274.

ma setgħux jivvjaġġaw lejn il-Ġermanja sabiex isir dan l-intervent. Din il-Qorti tosserva li l-atturi ma ressqu l-ebda prova tal-allegat intervent kirurgiku in sostenn ta' dak li ddikjaraw fir-rikors maħluf tagħhom, u anki fl-affidavits rispettivi tagħhom u mix-xhieda prodotti minnhom. Mingħajr dubju l-atturi suppost li kellhom f'idhom, kemm korrispondenza mal-isptar ġewwa l-Ġermanja, u anki mal-Ministeru tas-Saħħa Libjan, li kienu juru meta kien ser isir l-intervent u fejn, iżda l-ebda dokument minn dawn ma ġie ppreżentat bħala evidenza b'dawn id-dettalji. U jekk le, mingħajr dubju huma kienu f'pożizzjoni li jitolbu almenu lill-isptar Ġermaniż għal tali prova. Profs. Emanuel Farrugia fir-rapport mediku[48] tiegħu tas-17 ta' Frar, 2016, u hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li dan huwa sempliċi kopja tal-oriġinali li lanqas huwa ġuramentat, filwaqt li jgħid li l-attur huwa pazjent tiegħu fl-Isptar Mater Dei, ma jsemmi xejn dwar dan l-intervent u jgħid biss li minħabba s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja, l-attur ser ikun kostrett li jgħaddi mill-proċess tal-ħasil tal-kliewi fl-Isptar Mater Dei hawn Malta. Dan kien qabel ma seħħet is-serqa. Ir-rapport mediku tal-Profs. Emanuel Farrugia tat-3 ta' April, 2017[49], jiġifieri sena wara s-serqa, għal darb'oħra ma jsemmix it-trapjant li kellu jsir fil-Ġermanja, anzi l-Prof. Farrugia hawnhekk qed jissuġġerixxi li t-trapjant ta' kilwa huwa wieħed minn żewġ alternattivi li huwa jqis bħala li tista' ssalva ħajjet l-attur, u filwaqt li jgħid ukoll li l-attriċi hija disposta li tagħtih kilwa, jiddikjara li huwa neċessarju li jsiru testijiet urġenti fuqha u fuq l-attur bil-għan li jsir it-trapjant fil-futur qrib. Xejn ma jissemma hawnhekk li dawn it-testijiet kif allegat minn mart l-attur u omm l-attriċi Jamila Khalifa kienu saru fil-Libja. Barra minn hekk it-

[48] Kopja Dok. F *a fol.* 26.
[49] Dok. LB1 *a fol.* 48.

Tabiba Roberta Borg Costanzi fl-affidavit tagħha[50] tgħid li dak li kienet taf dwar l-intervent, hija kienet tafu għaliex qalitulha l-attriċi. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis li ġiet ippruvata l-allegazzjoni li fit-28 ta' Marzu, 2016, l-atturi kienu ser isiefru lejn il-Ġermanja proprju sabiex isir l-intervent neċessarju għat-trapjant ta' kilwa tal-attur, wisq inqas tista' tqis li ġie ppruvat li bħala riżultat tas-serqa tal-baskett tal-attriċi bil-passaport tagħha, tħassar l-imsemmi intervent b'danni konsegwenzjali stante li ntilef is-sussidju wkoll. Hawnhekk għandu jingħad li l-atturi ma ressqu l-ebda dokument sabiex jikkonferma u jispjega għaliex is-sussidju ntilef wara sitt xhur.[51] Wara kollox il-Qorti tosserva li llum l-ispiża xorta waħda tidher li mhux ser taqa' fuq spallejn l-atturi. Skont dak li xehdet l-attriċi[52], l-attur kiseb *refugee status* u ġaladarba kien qed jieħu t-trattament tal-ħasil tal-kliewi hawn Malta fl-Isptar Mater Dei bla ħlas, huwa kien tpoġġa fuq il-lista ta' dawk il-persuni li kienu qegħdin jistennew li jsirilhom trapjant.

L-atturi jsostnu li huma inkorrew diversi spejjeż sabiex baqgħu jgħixu hawn Malta għaliex peress li ma sarx it-trapjant, l-attur kien kostrett li joqgħod hawnhekk għall-ħasil tal-kliewi. Iżda din il-Qorti tinnota li l-atturi kienu ilhom li ġew joqgħodu hawn Malta mis-sena 2012. L-attur stess iddikjara[53] li huma kienu ġew hawn Malta l-ewwel darba minħabba t-trattament mediku li kellha bżonn martu fiż-żmien qabel il-bidu tal-ġlied u tal-problemi fil-Libja, qabel is-sena 2012. It-Tabiba Roberta Borg Costanzi fl-affidavit tagħha maħluf fis-6 ta'

[50] *A fol.* 74.
[51] Ara traduzzjoni ta' korrispondenza bejn il-Ministru tas-Saħħa Libjan u sottosegretarju tal-Ministru tal-Finanzi Libjan fil-15 ta' Mejju, 2014, a *fol.* 14. Għandu jiġi ppreċiżat li dan id-dokument huwa biss talba għall-'funding authorisation' u mhux konferma li s-sussidju kien ġie approvat.
[52] Seduta 21.01.19 a *fol.* 504.
[53] Seduta 10.07.19 a *fol.* 531-532.

Lulju, 2017[54], iddikjarat li hija kienet ilha t-tabib tal-familja tal-atturi għall-aħħar ħames snin. L-istess jikkonferma Prof. Emanuel Farrugia, *konsulent* fl-Isptar Mater Dei, fir-rapport tiegħu maħruġ fit-13 ta' Marzu, 2018.[55] Ix-xhud Venera Magro, sid l-appartament mikri lill-atturi, xehdet permezz tal-affidavit tagħha[56] li hija kienet saret taf lill-attriċi u lill-familja tagħha fis-sena 2013 meta krietilhom l-imsemmi appartament. Abdel Fatah Shtewy mis-Sezzjoni tal-Konsulat fl-Ambaxxata Libjana hawn Malta, in kontroeżami xehed hekk dwar l-attriċi[57]:

> *"Ħarġet dokumenti qabel, kemm-il darba tiġi biex tagħmel ir-residenza hawn Malta u għamilnila ċertifikati..."*

Dan filwaqt li kkonferma li l-attriċi kienet residenti hawn Malta u anki kellha karta ta' l-identità maħruġa minn hawn Malta. Jirriżulta lill-Qorti mir-rikors maħluf, li l-atturi fil-fatt it-tnejn għandhom karta ta' identità maħruġa minn hawn Malta. Mill-file mediku tal-attur jirriżulta wkoll li huwa kien qed jagħmel diversi testijiet fl-Isptar Mater Dei sa mis-6 ta' Novembru, 2013,[58] u l-attriċi in kontroeżami[59] stqarret li *"...we were living here as a health reason from the beginning".*

Fir-rikors maħluf tagħhom u anki fl-affidavit tal-attriċi[60], jingħad li wieħed kellu jistenna sena qabel ma jkun intitolat japplika għal passaport ġdid u għalhekk hija u l-familja spiċċaw maqbuda hawn Malta. Abdel Fatah Shtewy li jaħdem

[54] Dok. H a *fol.* 60.
[55] *A fol.* 230.
[56] *Supra.*
[57] Seduta 24.11.17 *a fol.* 109.
[58] *A fol.* 189.
[59] Seduta 21.01.19 *a fol.* 502.
[60] *Supra.*

mas-Sezzjoni tal-Konsulat fl-Ambaxxata Libjana u li f'dawn il-proċeduri kien xhud tal-atturi stess, ma xehedx hekk. Huwa xehed[61] li bil-liġi l-qadima l-attriċi kellha bżonn li tistenna sena qabel ma jinħarġilha passaport ġdid, iżda dan kollu kien inbidel permezz tal-liġi l-ġdida li ġiet fis-seħħ fis-sena 2011 meta ma kienx hemm bżonn li wieħed jistenna sena, għalkemm wieħed kien isib kju twil u jista' jkun li ddum ġimgħa għal passaport ġdid jew sa sena. Iżda xehed ukoll li l-Konslu ta' dak iż-żmien kienet irrifjutat li toħroġ *emergency travel document* lill-attriċi sabiex din tmur lura lejn il-Libja sabiex tikseb passaport ġdid, b'dana li huwa ma kienx jaf ir-raġuni għal dan. Issa mill-provi ma jirriżultax li din ir-raġuni kienet waħda mhux imputabbli lill-attriċi stess jew li b'xi mod ikkontribwixxiet għaliha, u jibqa' mhux ċar għaliex l-attriċi spiċċat maqbuda hawn Malta fejn għal xi żmien saħansitra lanqas lejn pajjiżha ma setgħet tmur.

B'hekk il-Qorti tifhem li l-atturi u l-familja tagħhom kienu ilhom joqogħdu hawn Malta saħansitra mis-sena 2012 u għalhekk ma ssib l-ebda raġuni għaliex huma għandhom jiġu indennizzati għall-ispejjeż tagħhom għall-għajxien ta' kuljum jew dawk mediċi u tieħu inkonsiderazzjoni li wħud mill-ispejjeż reklamati bħala danni kienu fi kwalunkwe każ jitħallsu ġewwa pajjiżhom. Il-Qorti tagħraf li s-segwenti spejjeż kollha huma konsegwenza tad-deċiżjoni li l-atturi u l-familja tagħhom jirrisjedu hawn Malta u mhux f'pajjiżhom: biljetti ta' l-ajru, kera tal-appartament, kontijiet għall-użu tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma u tal-*internet*, xiri ta' gass, karti tat-telefon, servizz ta' taxi, ilma għax-xorb, ikel, spejjeż kollha mediċi inklużi dawk ta' sptar, tobba u mediċini.

[61] *Supra a fol.* 110.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-atturi b'dana li ma ssibx li hemm danni li għandhom jiġu likwidati u b'hekk tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tagħhom u tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.**

**L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati inkwantu għal ħamsa u sittin fil-mija (65%) mill-atturi u inkwantu għal ħamsa u tletin fil-mija (35%) mill-konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**